10 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 20**

**5 ta' Mejju 2025**

Il-laqgħa numru 20 saret fil-bini amministrattiv tal-kunsill Lokali nhar il-5 ta' Mejju 2025 fil-17.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Is-Sur Gianluca Falzon

Is-Sur Silvio Vella

Is-Sur Karl Carabott

Is-Sur Darren Grech

Is-Sur Joe Vella

Is-Sur Stephen Sultana

Is-Sa Roberta Sultana

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Ħadd

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI:**

Is-Sa Tiffany Abela Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Gianluca Falzon, Sindku ta' Santa Venera mexxa din il-laqgħa.

## 1 Qari tal-ittri t'apoloġija

F'din il-laqgħa ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti

### 2.1 Korrezzjonijiet

- Il-punteġġatura ta' punt 4 kienet imħawda u allura tranġat
- F'punt d il-kliem nkunu u nitolbu ġew tranġati għal jkunu u jitolbu

### 2.2 Approvazzjoni tal-minuti

2.2 Is-Sindku informa li l-ħajt tal-iskola kien ser jiġi jiswa' l-3500. Il-ħajt għadu ma telgħax u minħabba spejjeż hu kien qed jissuġġerixxi li dan jinżamm *on hold.*

2.4.4 Is-sindku informa li tkellem ma TM sabiex issir it-tabella fi Triq Birghella għal light cars only. Fl-emails hemm ukoll is-sidien tal-garaxxijiet ikkupjati sabiex ikunu infurmati.

6 Is-sindku informa li kien hemm 13 il-kwerela

7 It-tibdil fi traffiku għal inħawi ta' Triq San Gorg mexa ħarir. Kien hemm issue ma TM ħabba containers li ma setgħux jgħaddu u allura ħa nwaħħlu tabella li jistgħu jidħlu wrong way. Fi Triq Salvinu Spiteri għal Triq Brighella kien hemm ilmenti li kellhom iduru dawra sħiħa allura ser issir tabella except for garage owners. L-istess ħaġa fi Triq Kanonku Bonnici u ser issir l-istess tabella. Silvio qal li kien hemm resident li gerger u għax ma setgħax joħroġ mill-garage. Silvio kien qed jissuġġerixxi li jitneħħa l-parking ta ħdejn il-garaxx.

Hawnhekk daħal Darren

Is-sindku qal li kien ser iċempel lis-sid u jfehmu fuq it-tabella sabiex ikun jista' joħroġ. Silvio qal li is-sinjur kien qed isostni li din mhux valida skond it-TM. Nistgħu inġibu bil-miktub? Is-Sindku wieġeb li iva.

6.5 Is-Sindku informa li minħabba li kien hemm bżonn li jitnaddaf ir-razzett, il-bollards kienu intremew minħabba problemi ta' spazju. Għalhekk dawn riedu jerġgħu isiru. Is-sindku informa ukoll li l-klabb tal-futboll ma jridx bollards imma ried li jitwaħħlu barriers sabiex ikun jista' jwaħħal ir-riklami magħhom. Silvio ġibed l-attenzjoni li TM kienu ġew ineħħu l-barriers. Is-Sindku qal li l-kunsill għandu byelaw li tippermetti dan it-tip ta riklami. Darren qal li r-riklami huma ta' introjtu għal klabb sabiex dan jimxi l-quddiem għalhekk hu kien qed jissuġġerixxi li l-barriers isiru imma wara isiru l-bollards għal aktar safety. Karl ġibed l-attenzjoni li hekk kienet ser tiċkien il-bankina. Is-sindku qal li hu kien biss qed jinforma lil kunsill b'dan hu ma kienx qed jistenna li tinbidel id-deċiżjoni li kien diġà ħa l-kunsill fil-laqgħa ta' qabel. Għaldaqstant is-SE kienet se ġġib il-katalgi għal bollards u jintażlu.

3 Is-sindku kien qed jippreżenta sketch għal-ort kif ukoll il-kwotazzjoni għalih u għal kurċifiss. Joe issuġġerixxa li jrid ikollna post fejn dawn jinżammu. Silvio qal li dawn ħa jsiru qabel ma sar il-monument tal-gwerra. Is-Sindku qal li din ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

**3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti 433, u Petty Cash**

Is-Sindku ippreżenta l-iskeda tal-pagamenti 433A u B. Joe saqsa x'kienu l-affarijiet ta' item 1459 u Sindku spjega li kienu xiri ta' kuljum bħal cafe, u tazzi.

L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata bil-proponent ikun Darren Grech u Sekondant Silvio Vella.

## 4 Kommunikazzjoni mis-sindku

- Evalwaturi tender Latrina Pubblika għal Romeo Romano

Is-Sindku preżenta l-BOQ għal attenzjoni tal-Kunsilliera u qal li dan it-tender ser ikun qed joħroġ fi żmien qasir. Għalhekk kien qed jissuġġerixxi li l-evalwaturi jibqgħu l-istess meta ġie evalwat it-tender li kien waqa'. Kien hemm qbil fuq dan.

- Riklam Festa

Is-Sindku qal li xtaq li l-kunsill jerġa' jiffinanzja riklam fuq il-kotba tal-festa li jitlestew mill-għaqdiet. Fuq dan kien hemm qbil

- Bollards għeluq tat-toroq

Is-sindku spjega li waqt laqgħa mal-pulizija fuq il-festa dawn ħarġu bl-idea li Triq il-Kbira San Gużepp terġa' tiġi magħluqa permezz ta' bollards. Filfatt f'ċertu punti tat-triq kien għad hemm il-marki bit-tappieri tal-ħadid fejn dawn il-bollards kienu jitwaħħlu. Għalhekk is-sindku beda jaħdem fuq approvazzjoni mit-TM. Joe saqsa hekk kienx hemm il-bżonn li titħaffer it-triq u sindku wieġeb li fi ftit punti biss għax il-maġġoranza tat-toqob kienu ilhom hemm. Fuq dan kien hemm qbil minn kulħadd.

Hawnhekk telaq Darren Grech

- Konok Triq il-Kbira

Is-Sindku informa li siġar bdew jitħawlu fin-naħa ta' fuq tat-triq. Fuq il-fanali kien instab li ma kienux saru wires u komunikazzjonijiet meta sar il-proġett. Għalhekk kellna suġġeriment sabiex titħaffer 2cm gandott imma ġejja spiża kbira. Joe saqsa hekk jistgħux jiġu bis-solar. Is-sindku qal li triq fiha ħafna dell u apparti minn hekk il-batteriji u l-manutenzjoni tagħhom kienet ikkumplikata. Silvio qabel li solar ma kienux viabbli.

Is-Sindku informa li tkellem ma' IM li peress li konok baqgħu ma tlestewx u kien tnaqqas il-parking ħafna, is-sindku kien talab biex il-konok jerġgħu jinqalgħu u minflokhom isiru l-parking space. IM ikkonfermaw li xogħol seta' jsir mill-kunsill imma jitħallas mill-IM. Joe saqsa hekk jistgħux jiġu planters? Is-Sindku qal li le għax il-bankina dejqa. Quddiem iċ-ċentru ma kienx se jsir parkeġġ minħabba duttrina, imma f'postijiet oħra fejn il-bankina hi wisa' jerġa jiġi parkeġġ.

Joe saqsa li minn ħa jiftaħ ir-restaurant mhux ha jgħamel tables and chairs? Gianluca wieġeb li dan għad irid isir u f'dak il-każ irid japplika għal permessi. Joe qal li hu mgħarraf li sabiex isiru xogħolijiet fuq il-bankina iridu jgħaddu sentejn minħabba l-garanzija. Gianluca wieġeb li kienu għaddew sentejn, u Silvio qal li l-bankina konkos u għalhekk m'hemmx garanzija. Hu importanti li l-bankini jkunu tal-istess materjal.

- Skema Kultura

Peress li dawk li kellhom jieħdu sehem fil-kunċert laħaq daħlilhom booking ieħor fil-5 ta' Lulju qed jiġi issuġerit li din is-serata issir fit-12 ta' Lulju 2025. Fuq din kien hemm qbil.

- Grech Brothers

Il-Kunsill irċieva lment sabiex titneħħa MC bay li hemm viċin l-istores tagħhom. Għalhekk mar fuq il-post il-contracts manager li sab li hemm wiesgħa tat-triq adekwat għal wisa' tal-garaxx. Għalhekk ġie deċiż li avolja l-MC bay mhiex ittellef, issir tabella sabiex din tintuża biss mill-17.00 il-quddiem.

Hawnhekk daħal Steve

- Ilmenti

a. Is-sindku qal li Joe għadda suġġeriment li tinbidel is-shield. Is-Sindku qal li fadlila ftit biss xi 3 u malli tintela tinbidel.
b. Joe għadda lment sabiex isir bus-stop in-naħa tal-palazz l-aħmar fejn hemm il-bins. U tibqa tgħaddi in-numru 64

c. Is-sindku informa li il-kunsill irċieva talba minn TM għal bluebadge personalised fi Triq Carini. Fuq dan kien hemm qbil.

d. Joe qal ukoll li salib ta' Triq Braille kellu bżonn restawr. Is-Sindku qal li se jitkellem mal-public works

e. Roberta tkellment fuq tournament tal billiards fil-każin tas-St Venera Lightnings għal għaqdiet kollha. Kellha ġġib aktar informazzjoni sabiex ngħadduha lill-għaqdiet

**5. Assistent Prinċipal**

Is-sindku talab lil-Karl biex jgħid dak li qed jipproponi l-board. Karl qal li wara li żewġ persuni eliġibbli kienu mitluba jagħmlu intervista prattiku avolja kien hemm differenza ta' 7 marki. Wara li ġie evalwat ukoll l-intervista prattika wieħed mill-kandidati instab aktar eliġibbli għal pożizzjoni minħabba l-karattru tiegħu. Is-Sur Grech instab ukoll li fl-intervista prattika ħa aktar interess u daħal aktar fi dettal b'suġġerimenti għalhekk jgħamlu aktar eliġibbli. Għaldaqstant il-bord kien qed jissuġġerixxi lis-Sur Grech diment li jipprovdi l-dokumenti neċessarji.

**6. Skema ġdida mid-DLG**

Is-SE spjegat li hi u Joe Vella ipparteċipaw f'meeting fejn id-DLG ħabbar skema ġdida Minn Pjazza għal Pjazza. F'din il-laqgħa id-DG spjega li hemm fondi ta' 250K għal 10 kunsilli sabiex tiġi organizzata attività kulturali fil-pjazza tar-raħal bejn Ġunju u Novembru 2025. Id-DLG kellu tim ta' persuni li ser ikunu qed jgħinu f'din l-attivita'.

**7. Budget Annwali 2025**

Is-SE spjegat kif tlesta l-budget għal din is-sena fejn l-intenzjoni kienet li ma jittieħdux aktar funds mis-surplus li kien hemm sabiex inkunu nistgħu infaddlu dawn il-flus għal proġetti futuri. Ma dan kulħadd qabel. Il-budget tqassam b-email lill-kulħadd

**8. Mistoqsija lis-Sindku**

Is-Sindku stieden lil Joe sabiex isaqsi l-mistoqsija tiegħu. Joe saqsa:

*Jista' s-Sindku jinforma jekk hux infurmat liema huma t-toroq li se jingħataw it-tarmak matul din is-sena 2025 minn IM fil-lokal* tagħna Sta. Venera.

Is-Sindku qal li m'għandux informazzjoni ħlief li bil-kliem kienu ikkonfermaw Triq Vivion minħabba li Toroq li qed isiru bħalissa huma tal-leġiżlatura li għaddiet.

Is-Sindku stieden lil Karl sabiex isaqsi l-mistoqsija tiegħu. Karl saqsa:
Jista' s-sindku jagħti spjegazzjoni ċara fir-rigward tal-fanali li jinsabu fuq iz-zuntier tal-knisja l-antika. Kif filli ġie ppublikat rapport fuq il-meżżi soċjali mill-Kunsill li bażikament jgħid li l-unika soluzzjoni hi li jinbidlu, meta ftit wara sar xi xogħol fuqhom u nxtegħlu? Min għamel dan ix-xogħol? U ġie mqabbad mill-Kunsill?

Is-Sindku wieġeb li fuq il-fanali l-kunsill ma kienx jaf ta' minn hi responsabiltà. Kien hemm minn qal li tal-Kunsill, oħrajn tal-knisja, ta' St Elias eċċ. Ġie identifikat li dawn kien jieħu ħsiebhom il-kuntrattur tal-kunsill il MicaMed u għalhekk saqsa għal rapport bil-miktub. Is-Sindku qal li hu ma kienx kuntent b'dan ir-rapport u għalhekk talab l-assistenza tal-public works. Il-public works identifikaw il-ħsara u li din kienet minima u sewwewa huma stess.

Karl wieġeb li hekk in-nies ma tihomx tort li ħasbu ħażin. Is-Sindku qal li tant hu hekk li SE bagħtet email uffiċjali sabiex tara x'ġara u għalxiex imma ma kienx hemm risposta. Karl kompla li dawn għadhom ma ġewx diskussi waqt il-laqgħa u għalhekk is-sindku ma jistax jgħid li din hi l-opinjoni tal-kunsilliera.

Is-SE qalet li fin-19 ta' Mejju kien ser ikun hemm laqgħa mal-awdituri peress li dawn xtaqu jiddiskutu l-Audit magħhom.

Hawnhekk il-laqgħa twaqqfet peress li Karl, Joe u Roberta kellhom jitilqgħu.

Gianluca Falzon

Sindku

Tiffany Abela

Segretarju Eżekuttiv